MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru 3/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Mario Fenech**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Mario Fenech ta' hamsa u erbghin (45) sena iben Alfred u Doris nee` Aquilina, imwieled tas-Sliema nhar is-7 ta' Mejju ta' l-1963, u residenti gewwa l-fond bl-isem `Marbeaux', Triq Patrick Brydone, San Giljan u li huwa detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 259163(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu tas-sena 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghal qliegh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, *film*, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn t'hawn fuq kemm jekk le;

2. Talli sar recidiv ghat-terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta' Marzu tas-sena 2007 liema sentenza ma tistax aktar tigi mibdula;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti ghalkemm irrizulta li l-mekkanizmu offrut mhux idoneu biex jigu ezaminati d-dokumenti elettronici pprezentati, u ghalhekk ghandu jinghad li dan l-apparat ghandu jkun tal-kwalita` li jippermetti tali ezami ghaliex altrimenti hu biss finanzi erarjali mohlija;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni generali ta' l-imputat issibu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikoli 208(1) u 49 tal-Kap 9;

Tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija u ghall-multa ta' erba' mija, hamsa u sittin Ewro u sebgha u tletin centezmu, (€465.37);

Hadet in konsiderazzjoni l-fatt ukoll li l-imputat jidher li skuza ruhu ghall-azzjoni inkonsulta li ha fil-konfront tal-parte civili ghalkemm ghandu jinghad li l-konsegwenzi ta' l-istess mhux biss huma gravissimi, izda anke irrimedjabbli;

Illi ghandu ghalhekk jinghad li nonostante dan l-azzjoni intrapriza mill-imputat ma tista' qatt tigi rimedjata u l-parte civili trid tibqa' tghix bil-konsegwenzi nefasti skatenati;

Illi nonostante s-suespost;

Rat l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 u tordna li l-piena karcerarja imposta tigi sospiza ghall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum u tissottolinea li fehemet lill-imputat Mario Fenech bl-effetti u bil-konsegwenzi li jirrizultaw kemm-il darba ma jottemperax ruhu ma' l-istess artikolu citat f'dan il-paragrafu;

Rat ukoll l-Artikolu 412 C tal-Kap 9 u tenut kont tal-effetti nefasti fuq sintetikament riferiti u biex b'hekk tizgura li kemm jista' jkun il-parte civili, nonostante l-akkadut, tkun tista' tghix hajja relattivament serena, tordna li jinhareg ordni ta' protezzjoni favur l-istess parte civili u tal-membri l-ohra tal-familja taghha kontra l-imputat Fenech;

Tordna ghalhekk li l-imputat m'ghandu bl-ebda mod, la dirett u lanqas indirett, jikkomunika mal-parte civili u lanqas li javvicinahom, u dan, ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, taht penali ta' elfejn, tlett mija disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu, (€2,329.37);

Tiddikjara finalment li fehmet lill-imputat Fenech bl-effetti tal-kondizzjonijiet imposti b'din id-decizjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------